Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2025/0045(COD)

18.7.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2013/34/UE, (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta korporattivi dwar is-sostenibbiltà għall-impriżi
(COM(2025)0081 – C10-0037/2025 – 2025/0045(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Barry Andrews

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2013/34/UE, (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta korporattivi dwar is-sostenibbiltà fis-26 ta' Frar 2025.

Bħala tfakkira, il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Direttiva dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD) ((UE) 2022/2464) tifforma parti mill-impenn tagħha għal Patt Ekoloġiku Ewropew u ssaħħaħ il-pedamenti għal investiment sostenibbli. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta Korporattiva dwar is-Sostenibbiltà (CSDDD) ((UE) 2024/1760) ressqet u spjegat fid-dettal proċessi ta' diliġenza dovuta obbligatorji għall-kumpaniji biex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom u jinżammu responsabbli għan-nuqqas li jagħmlu dan, filwaqt li tikkodifika l-istandards internazzjonali diġà eżistenti.

Is-Sottokumitat DROI adotta opinjonijiet dwar iż-żewġ proposti.

Is-CSRD stabbiliet l-estensjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-kumpaniji kbar u l-kumpaniji kkwotati kollha (ħlief il-mikrointrapriżi) u rekwiżiti ta' rapportar aktar dettaljati, b'mod partikolari dwar oqsma relatati mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, skont l-istandards obbligatorji tal-UE għar-rapportar dwar is-sostenibbiltà.

Is-CSDDD ikkontribwiet għat-trawwim ta' bidla pożittiva fl-imġiba tal-kumpaniji lejn l-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-impatti dannużi tal-operazzjonijiet u r-relazzjonijiet tagħhom fil-ktajjen tal-valur globali tagħhom.

Ir-rapporteur jilqa' l-ispirtu tal-proposta l-ġdida biex jiġi ssimplifikat u jitnaqqas il-piż fuq l-intrapriżi tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, dan l-għan ma għandux ipoġġi f'dubju r-responsabbiltajiet tal-Unjoni Ewropea fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem inklużi d-difensuri tagħhom.

Ir-rapportar dwar id-drittijiet tal-bniedem huwa tabilħaqq qasam li qed jiżviluppa u huwa meħtieġ aktar żmien biex il-gwida u ċ-ċarezza tal-proċess u d-definizzjonijiet jagħtu r-riżultati tagħhom.

Is-CSDDD tat lill-UE l-opportunità biex tasserixxi lilha nnifisha bħala qawwa normattiva globali billi turi tmexxija fl-indirizzar tal-isfida serja tal-iżvilupp sostenibbli li jiffaċċjaw is-soċjetajiet kollettivament u globalment. Id-Direttiva ma għandhiex tiġi rieżaminata eżatt wara l-adozzjoni tagħha – peress li dan jikkastiga lil dawk il-kumpaniji li diġà bdew jaħdmu lejn l-implimentazzjoni futura – u jekk isir tali rieżami, dan għandu jsir b'mod pjuttost limitat u bbażat fuq konsultazzjoni estensiva.

L-UE kienet stabbiliet koerenza u komplementarjetà tal-politika li jiffurmaw ġabra sinifikanti ma' dawn id-direttivi kollha li issa qed jiġu riveduti. Ir-rapporteur jaqbel li jiġi eliminat piż żejjed bla bżonn fuq il-kumpaniji f'każ li jiġi identifikat iżda mhux għad-detriment tal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni tagħhom.

Is-CSDDD tippreżenta okkażjoni mingħajr paragun għall-UE biex tintegra s-sostenibbiltà umana u ambjentali fil-prattiki kummerċjali u korporattivi u tixpruna l-bidla fuq il-livell globali. Għalhekk, rieżami li jitwettaq issa jista' jipperikola dan l-approċċ f'sitwazzjoni dinjija attwali fejn l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem qed jiġu kkontestati dejjem aktar. Barra minn hekk, ħafna kumpaniji tal-UE diġà jimplimentaw fuq bażi volontarja dawn l-istandards ta' diliġenza dovuta.

Għal dan l-għan, l-elementi li ġejjin li jinsabu fil-leġiżlazzjoni attwali jistgħu jinżammu:

– l-iżgurar li d-definizzjoni tal-partijiet ikkonċernati tibqa' wiesgħa b'mod adegwat, sabiex jiġi żgurat li jinstemgħu l-ilħna rilevanti kollha, fl-istadji differenti tal-proċess ta' diliġenza dovuta;

– l-iżgurar li l-kumpaniji ma jwettqux l-isforzi ta' diliġenza dovuta biss mas-sħab kummerċjali diretti tagħhom, iżda abbażi tar-riskju tal-impatti negattivi ddeterminat mis-settur tal-attività tagħhom u l-kuntest tal-operazzjonijiet tagħhom;

– ir-rekwiżit li l-kumpaniji jinvolvu ruħhom b'mod sinifikattiv mal-partijiet ikkonċernati bil-għan li jinfurmaw u jtejbu d-deċiżjonijiet korporattivi u l-prattiki tad-diliġenza dovuta tagħhom, kif ukoll li jiżguraw il-protezzjoni u s-sikurezza tal-partijiet ikkonċernati kollha mir-ritaljazzjoni u t-tpattija minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom;

– ir-rekwiżit li l-Istati Membri jipprovdu għażla għall-kumpaniji biex jissospendu relazzjoni kummerċjali għal perjodu ta' żmien definit;

– l-iżgurar tar-responsabbiltà tal-kumpaniji u l-garanzija tal-aċċess għall-ġustizzja u r-rimedji legali għall-vittmi ta' ħsara marbuta mal-ksur tal-obbligi ta' diliġenza dovuta.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jippreżenta lill-għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1
Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Fil-kuntest tal-impenn tal-Kummissjoni li tnaqqas il-piżijiet tar-rapportar u ssaħħaħ il-kompetittività, huwa meħtieġ li jiġu emendati d-Direttivi 2006/43/KE[3], 2013/34/UE[4], (UE) 2022/2464[5] u (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], filwaqt li jinżammu l-objettivi ta' politika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew[7], u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli[8].	(2) Fil-kuntest tal-impenn tal-Kummissjoni li tnaqqas il-piżijiet tar-rapportar u ssaħħaħ il-kompetittività, huwa meħtieġ li jiġu emendati d-Direttivi 2006/43/KE[3], 2013/34/UE[4], (UE) 2022/2464[5] u (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], filwaqt li jinżammu l-objettivi ta' politika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew[7], u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli[8] ***f'konformità mat-trasformazzjoni profonda tal-politiki ekonomiċi u strutturali tal-UE proposti mir-rapporti Draghi u Letta, u jkunu rrispettati l-obbligi tagħha dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem***.
[3] Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/43/oj).	[3] Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/43/oj).
[4] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj).	[4] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj).
[5] Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-	[5] Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-

rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2464/oj).

[6] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta korporattiva dwar is-sostenibbiltà u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).

[7] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Diċembru 2019, "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", COM/2019/640 final.

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Marzu 2018, "Pjan ta' Azzjoni: Il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli", COM/2018/097 final.

rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2464/oj).

[6] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta korporattiva dwar is-sostenibbiltà u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).

[7] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Diċembru 2019, "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", COM/2019/640 final.

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Marzu 2018, "Pjan ta' Azzjoni: Il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli", COM/2018/097 final.

Emenda 2
Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) L-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2024/1760 jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-kumpaniji l-kbar li jaqbżu ċertu daqs iwettqu diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem u diliġenza dovuta ambjentali bbażati fuq ir-riskji. ***Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet fuq il-kumpaniji li jkollhom jikkonformaw ma' dak l-obbligu, jenħtieġ li d-diliġenza dovuta meħtieġa**, **bħala regola ġenerali, tkun limitata għall-operazzjonijiet tal-kumpanija stess, dawk tas-sussidjarji***	(21) L-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2024/1760 jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-kumpaniji l-kbar li jaqbżu ċertu daqs iwettqu diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem u diliġenza dovuta ambjentali bbażati fuq ir-riskji. ***Sabiex tiġi żgurata l-effettività, abbażi ta' informazzjoni rilevanti, fattwali u affidabbli raġonevolment disponibbli għall-kumpanija, inklużi l-fatturi ta' riskju ġeografiċi u settorjali, jenħtieġ li l-kumpaniji jwettqu valutazzjoni ġenerali***

tagħha u dawk tas-sħab kummerċjali diretti tagħha ("livell 1"). Konsegwentement, fir-rigward tar-relazzjonijiet kummerċjali, jenħtieġ li l-kumpaniji, wara li jkunu mmappjaw il-ktajjen ta' attivitajiet tagħhom, ikunu meħtieġa jwettqu valutazzjonijiet fil-fond fir-rigward tas-sħab kummerċjali diretti biss. Madankollu, jenħtieġ li l-kumpaniji jħarsu lil hinn mir-relazzjonijiet kummerċjali diretti tagħhom meta jkollhom informazzjoni plawżibbli li tissuġġerixxi impatt negattiv fil-livell ta' sieħeb kummerċjali indirett. Informazzjoni plawżibbli tfisser informazzjoni ta' karattru oġġettiv li tippermetti lill-kumpanija tikkonkludi li hemm probabbiltà raġonevoli li l-informazzjoni hija vera. Dan jista' jkun il-każ meta l-kumpanija kkonċernata tkun irċeviet ilment jew tkun fil-pussess ta' informazzjoni, pereżempju permezz ta' rapporti kredibbli tal-media jew tal-NGOs, rapporti ta' inċidenti reċenti, jew permezz ta' problemi rikorrenti f'ċerti postijiet dwar attivitajiet dannużi probabbli jew reali fil-livell ta' sieħeb kummerċjali indirett. Meta l-kumpanija jkollha tali informazzjoni, jenħtieġ li din twettaq valutazzjoni fil-fond. Jenħtieġ li l-kumpaniji jwettqu wkoll valutazzjonijiet fil-fond fir-rigward tal-impatti negattivi li jirriżultaw lil hinn mis-sieħeb kummerċjali dirett tagħhom meta l-istruttura ta' din ir-relazzjoni kummerċjali ma jkollhiex raġunament ekonomiku u tkun tissuġġerixxi li din tkun intgħażlet sabiex jitneħħa fornitur li altrimenti jkun dirett b'attivitajiet dannużi mill-ambitu tal-kumpanija. Meta l-valutazzjoni fil-fond tikkonferma l-probabbiltà jew l-eżistenza tal-impatt negattiv, jenħtieġ li din imbagħad titqies bħala identifikata. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-kumpaniji jfittxu li jiżguraw li l-kodiċi ta' kondotta tagħhom – li huwa parti mill-politika ta' diliġenza dovuta tagħhom u li jistabbilixxi l-aspettattivi dwar kif għandhom jiġu protetti id-inizjali tal-operazzjonijiet tagħhom stess, tas-sussidjarji tagħhom u tas-sħab kummerċjali tagħhom. Jenħtieġ li l-kumpaniji jwettqu valutazzjonijiet ulterjuri tas-sieħeb kummerċjali rilevanti jew tal-qasam tal-ktajjen ta' attivitajiet tagħhom fejn ġew identifikati li l-impatti negattivi huma l-aktar probabbli li jseħħu u l-aktar severi. Il-kumpaniji għandhom ikunu jistgħu jipprijoritizzaw il-valutazzjoni tas-sħab kummerċjali diretti, b'mod konsistenti mas-severità u l-probabbiltà tal-impatti negattivi, skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

drittijiet tal-bniedem, inkluż tax-xogħol, u l-ambjent fl-operazzjonijiet kummerċjali – jiġi segwit tul il-katina kollha tal-attivitajiet f'konformità ma' kaskata kuntrattwali u appoġġ għall-SMEs.

Emenda 3
Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet fuq il-kumpaniji u l-involviment ***tal-partijiet ikkonċernati jsir aktar proporzjonat***, jenħtieġ li l-kumpaniji jkollhom jinvolvu ruħhom ***biss*** mal-ħaddiema, mar-rappreżentanti tagħhom inkluż it-trade unions, u ma' individwi u komunitajiet li d-drittijiet jew l-interessi tagħhom huma jew jistgħu jiġu affettwati ***direttament*** mill-prodotti, mis-servizzi u mill-operazzjonijiet tal-kumpanija, tas-sussidjarji tagħha u tas-sħab kummerċjali tagħha, u li għandhom rabta mal-istadju speċifiku tal-proċess ta' diliġenza dovuta li jkun qed jitwettaq. Dan jinkludi individwi jew komunitajiet fil-viċinat ta' impjanti operati minn sħab kummerċjali fejn dawk l-individwi jew komunitajiet huma affettwati ***direttament mit-tniġġis***, jew popli indiġeni li d-dritt tagħhom għal artijiet jew riżorsi huma affettwati ***direttament minn*** kif sieħeb kummerċjali jakkwista, jiżviluppa jew juża b'xi mod ieħor l-art, il-foresti jew l-ilmijiet. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-involviment tal-partijiet ikkonċernati jkun meħtieġ biss għal ċerti partijiet tal-proċess ta' diliġenza dovuta, jiġifieri fl-istadju tal-identifikazzjoni, għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni (imsaħħa) u meta jitfasslu miżuri ta' rimedju.***	(24) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet fuq il-kumpaniji u ***jiġi żgurat*** l-involviment ***effettiv u bir-reqqa tal-partijiet ikkonċernati***, jenħtieġ li l-kumpaniji jkollhom jinvolvu ruħhom mal-ħaddiema, mar-rappreżentanti tagħhom inkluż it-trade unions, u ma' individwi u komunitajiet li d-drittijiet jew l-interessi tagħhom huma jew jistgħu jiġu affettwati ***mill-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent li jirriżultaw*** mill-prodotti, mis-servizzi u mill-operazzjonijiet tal-kumpanija, tas-sussidjarji tagħha u tas-sħab kummerċjali tagħha, u li għandhom rabta mal-istadju speċifiku tal-proċess ta' diliġenza dovuta li jkun qed jitwettaq. Dan jinkludi individwi jew komunitajiet fil-viċinat ta' impjanti operati minn sħab kummerċjali fejn dawk l-individwi jew komunitajiet huma affettwati ***mill-impatt negattiv tat-tniġġis***, jew popli indiġeni li d-dritt tagħhom għal artijiet jew riżorsi huma affettwati ***mill-impatt negattiv ta'*** kif sieħeb kummerċjali jakkwista, jiżviluppa jew juża b'xi mod ieħor l-art, il-foresti jew l-ilmijiet.

Emenda 4
Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) ***Sabiex jiġu limitati r-riskji possibbli ta' litigazzjoni marbuta mar-reġim armonizzat ta' responsabbiltà ċivili tad-Direttiva (UE) 2024/1760, jenħtieġ li jitneħħa r-reġim speċifiku ta' responsabbiltà għall-Unjoni kollha attwalment previst fl-Artikolu 29(1) ta' dik id-Direttiva. Fl-istess ħin,*** bħala kwistjoni kemm tal-dritt internazzjonali kif ukoll tad-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiżguraw li l-vittmi ta' impatti negattivi jkollhom aċċess effettiv għall-ġustizzja u jiggarantixxu d-dritt tagħhom għal rimedju effettiv, kif minqux fl-Artikolu 2(3) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, fl-Artikolu 8 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, fl-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (il-Konvenzjoni ta' Aarhus) u fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li, f'każ li kumpanija tinżamm responsabbli għal nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2024/1760, u li fejn tali nuqqas ikun ikkawża dannu, il-vittmi jkunu jistgħu jirċievu kumpens sħiħ, li jenħtieġ li jingħata f'konformità mal-prinċipji tal-effettività u l-ekwivalenza, filwaqt li jekk jinstab bilanċ permezz ta' salvagwardji dan għandu jipprevjeni milli jingħata kumpens żejjed. ***Fid-dawl tar-regoli u t-tradizzjonijiet differenti li jeżistu fil-livell nazzjonali biex jiġu permessi azzjonijiet rappreżentattivi, jenħtieġ li r-rekwiżit speċifiku f'dak ir-rigward fid-Direttiva (UE) 2024/1760 jitħassar. Tali tħassir huwa*** mingħajr preġudizzju għal	(28) Bħala kwistjoni kemm tal-dritt internazzjonali kif ukoll tad-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiżguraw li l-vittmi ta' impatti negattivi jkollhom aċċess effettiv għall-ġustizzja u jiggarantixxu d-dritt tagħhom għal rimedju effettiv, kif minqux fl-Artikolu 2(3) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, fl-Artikolu 8 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, fl-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (il-Konvenzjoni ta' Aarhus) u fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li, f'każ li kumpanija tinżamm responsabbli għal nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2024/1760, u li fejn tali nuqqas ikun ikkawża dannu, il-vittmi jkunu jistgħu jirċievu kumpens sħiħ, li jenħtieġ li jingħata f'konformità mal-prinċipji tal-effettività u l-ekwivalenza, filwaqt li jekk jinstab bilanċ permezz ta' salvagwardji dan għandu jipprevjeni milli jingħata kumpens żejjed. ***Din id-Direttiva hija*** mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali applikabbli li tippermetti lil trade union, organizzazzjoni mhux governattiva tad-drittijiet tal-bniedem jew ambjentali, organizzazzjoni mhux governattiva oħra jew istituzzjoni nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem iressqu azzjonijiet biex jinfurzaw id-drittijiet tal-parti li allegatament ġarrbet dannu, jew biex jappoġġaw tali azzjonijiet imressqa direttament minn tali parti.

kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali applikabbli li tippermetti lil trade union, organizzazzjoni mhux governattiva tad-drittijiet tal-bniedem jew ambjentali, organizzazzjoni mhux governattiva oħra jew istituzzjoni nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem iressqu azzjonijiet biex jinfurzaw id-drittijiet tal-parti li allegatament ġarrbet dannu, jew biex jappoġġaw tali azzjonijiet imressqa direttament minn tali parti. ***Barra minn hekk, għall-istess raġuni, jenħtieġ li jitħassar ir-rekwiżit biex l-Istati Membri jiżguraw li r-regoli dwar ir-responsabbiltà jiġu applikati b'mod obbligatorju u prevalenti f'każijiet fejn il-liġi applikabbli għal talbiet għal dak il-għan ma tkunx il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru. Dan it-tħassir ma jillimitax il-possibbiltà li l-Istati Membri jipprevedu li d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2024/1760 jiġu applikati b'mod obbligatorju u prevalenti f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 864/2007, f'każijiet fejn il-liġi applikabbli għal talbiet għal dak l-għan ma tkunx il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru.***

Emenda 5
Proposta għal direttiva
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(29a) Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-kumpaniji mal-obbligi ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta skont id-dritt tal-Unjoni u biex jittejbu l-aċċessibbiltà u l-faċilità ta' użu tal-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi portal iddedikat għar-rapportar tal-informazzjoni diġitali. Dak il-portal jenħtieġ li jservi bħala punt uniku ta' servizz, li jipprovdi lill-kumpaniji aċċess imfassal apposta għall-mudelli, ir-rekwiżiti ta' rapportar, u informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta'**

	finanzjament u offerti, mingħajr ħlas. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-portal, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippromwovi l-interoperabbiltà tal-pjattaformi tad-data eżistenti, li jippermettu t-trażmissjoni, l-iskambju u l-analiżi bla xkiel tad-data. Barra minn hekk, u fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-potenzjal tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi, inkluż l-użu ta' intelliġenza artifiċjali affidabbli f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1689, biex tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tar-rapportar u ttejjeb il-kwalità u l-aċċessibbiltà tad-data relatata mas-sostenibbiltà.

Emenda 6
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt (n)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) "partijiet ikkonċernati" tfisser l-impjegati tal-kumpanija, l-impjegati tas-sussidjarji tagħha u tas-sħab kummerċjali tagħha, u t-trade unions u r-rappreżentanti tal-ħaddiema tagħhom, ***u*** l-individwi jew il-komunitajiet li d-drittijiet jew l-interessi tagħhom huma jew jistgħu jiġu affettwati ***direttament*** mill-prodotti, mis-servizzi u mill-operazzjonijiet tal-kumpanija, tas-sussidjarji tagħha u tas-sħab kummerċjali tagħha u r-rappreżentanti leġittimi ta' dawk l-individwi jew il-komunitajiet;;	(n) "partijiet ikkonċernati" tfisser l-impjegati tal-kumpanija, l-impjegati tas-sussidjarji tagħha u tas-sħab kummerċjali tagħha, u t-trade unions u r-rappreżentanti tal-ħaddiema tagħhom, l-individwi jew il-komunitajiet li d-drittijiet jew l-interessi tagħhom huma jew jistgħu jiġu affettwati ***mill-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent li jirriżultaw*** mill-prodotti, mis-servizzi u mill-operazzjonijiet tal-kumpanija, tas-sussidjarji tagħha u tas-sħab kummerċjali tagħha***, inkluż, meta rilevanti, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li l-għanijiet tagħhom jinkludu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent*** u r-rappreżentanti leġittimi ta' dawk l-individwi jew il-komunitajiet;;

Emenda 7
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) abbażi tar-riżultati ***tal-immappjar*** kif imsemmi fil-punt (a), ***iwettqu valutazzjoni fil-fond tal-operazzjonijiet tagħhom stess***, ***dawk tas-sussidjarji tagħhom u***, ***meta relatati mal-ktajjen ta' attivitajiet tagħhom***, ***dawk tas-sħab*** kummerċjali ***diretti tagħhom, fl-oqsma*** fejn ġie identifikat li l-impatti negattivi ***huwa*** l-aktar probabbli li jseħħu u fejn x'aktarx li jkunu l-aktar severi.;	(b) abbażi tar-riżultati ***tal-eżerċizzju ta' orjentazzjoni*** kif imsemmi fil-punt (a), ***u meta, abbażi ta' informazzjoni rilevanti***, ***fattwali u affidabbli***, ***il-kumpanija jkollha raġunijiet biex temmen li nħolqu jew jistgħu jinħolqu impatti negattivi***, ***twettaq valutazzjoni ulterjuri tas-sieħeb*** kummerċjali ***rilevanti jew tal-qasam fil-ktajjen ta' attivitajiet tiegħu*** fejn ġie identifikat li l-impatti negattivi ***huma*** l-aktar probabbli li jseħħu u fejn x'aktarx li jkunu l-aktar severi***. Il-kumpaniji għandhom ikunu jistgħu jipprijoritizzaw il-valutazzjoni tas-sħab kummerċjali diretti, b'mod konsistenti mas-severità u l-probabbiltà tal-impatti negattivi, skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju***.;

Emenda 8
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 8 - paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:	***imħassar***
'2a. Meta kumpanija jkollha informazzjoni plawżibbli li tissuġġerixxi li jkunu żviluppaw jew li jistgħu jiżviluppaw impatti negattivi fil-livell tal-operazzjonijiet ta' sieħeb kummerċjali indirett, hija għandha twettaq valutazzjoni fil-fond. Il-kumpanija għandha dejjem twettaq tali valutazzjoni meta n-natura indiretta, aktar milli diretta, tar-relazzjoni mas-sieħeb kummerċjali tkun ir-riżultat ta' arranġament artifiċjali li ma jirriflettix	

ir-realtà ekonomika iżda jindika ċirkomvenzjoni tal-paragrafu 2, il-punt (b). Meta l-valutazzjoni tikkonferma l-probabbiltà jew l-eżistenza tal-impatt negattiv, din titqies li tkun ġiet identifikata.

L-ewwel subparagrafu huwa mingħajr preġudizzju għal li l-kumpanija tqis l-informazzjoni disponibbli dwar is-sħab kummerċjali indiretti u jekk dawk is-sħab kummerċjali jistgħux isegwu r-regoli u l-prinċipji stabbiliti fil-kodiċi ta' kondotta tal-kumpanija meta tagħżel sieħeb kummerċjali dirett.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, irrispettivament minn jekk tkunx disponibbli informazzjoni plawżibbli dwar sħab kummerċjali indiretti, kumpanija għandha tfittex aċċertamenti kuntrattwali minn sieħeb kummerċjali dirett li dak is-sieħeb kummerċjali se jiżgura l-konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-kumpanija billi jistabbilixxi aċċertamenti kuntrattwali korrispondenti mis-sħab kummerċjali tiegħu. L-Artikolu 10(2), il-punti (b) u (e) għandu japplika kif xieraq.";

Emenda 9
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward tal-impatti negattivi reali kif imsemmi fil-paragrafu 1 li ma setgħux ***jiġu evitati jew mitigati b'mod adegwat*** mill-miżuri stabbiliti fil-paragrafi 3, 5 u 6, il-kumpanija għandha, bħala l-aħħar istanza:	Fir-rigward tal-impatti negattivi reali kif imsemmi fil-paragrafu 1 li ma setgħux ***jintemmu jew il-livell tagħhom ma setgħax jiġi minimizzat*** mill-miżuri stabbiliti fil-paragrafi 3, 5 u 6, il-kumpanija għandha, ***temporanjament, u*** bħala l-aħħar istanza:

Emenda 10
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-liġi li tirregola r-relazzjoni tagħha mas-sieħeb kummerċjali kkonċernat tkun tippermettilha, tadotta u timplimenta pjan ta' azzjoni ***ta' prevenzjoni*** msaħħaħ għall-impatt negattiv speċifiku ***mingħajr dewmien żejjed***, dment li jkun hemm aspettattiva raġonevoli li dawk l-isforzi se jirnexxu, u	(b) meta l-liġi li tirregola r-relazzjoni tagħha mas-sieħeb kummerċjali kkonċernat tkun tippermettilha, tadotta u timplimenta pjan ta' azzjoni ***korrettiva*** msaħħaħ għall-impatt negattiv speċifiku ***malajr kemm jista' jkun possibbli b'mod fattibbli***, dment li jkun hemm aspettattiva raġonevoli li dawk l-isforzi se jirnexxu, u

Emenda 11
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sakemm ikun hemm aspettattiva raġonevoli li l-pjan ta' azzjoni ***ta' prevenzjoni*** msaħħaħ se jirnexxi, is-sempliċi fatt li titkompla l-interazzjoni mas-sieħeb kummerċjali ma għandux ***jiskatta r-responsabbiltà tal-kumpanija***.	Sakemm ikun hemm aspettattiva raġonevoli li l-pjan ta' azzjoni ***korrettiva*** msaħħaħ se jirnexxi, is-sempliċi fatt li titkompla l-interazzjoni mas-sieħeb kummerċjali ma għandux ***jesponi lill-kumpanija għal penali skont l-Artikolu 27 jew għal responsabbiltà skont l-Artikolu 29***.

Emenda 12
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel ma tissospendi relazzjoni kummerċjali, il-kumpanija għandha	Qabel ma tissospendi relazzjoni kummerċjali, il-kumpanija għandha

tivvaluta jekk l-impatti negattivi meta tagħmel dan jistgħux ikunu raġonevolment mistennija li jkunu manifestament aktar severi mill-impatt negattiv li ma setax jiġi prevenut jew mitigat b'mod adegwat. Jekk dak ikun il-każ, il-kumpanija ma għandhiex tkun meħtieġa tissospendi r-relazzjoni kummerċjali***, u għandha tkun f'pożizzjoni li tirrapporta lura lill-awtorità superviżorja kompetenti dwar ir-raġunijiet debitament ġustifikati għal tali deċiżjoni***.	tivvaluta***, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, jekk ma teżistix l-ebda alternattiva disponibbli għal dik ir-relazzjoni kummerċjali li tipprovdi materja prima, prodott jew servizz essenzjali għall-produzzjoni ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi ta' dik il-kumpanija u jekk is-sospensjoni tikkawża preġudizzju sostanzjali lill-kumpanija jew*** jekk l-impatti negattivi meta tagħmel dan jistgħux ikunu raġonevolment mistennija li jkunu manifestament aktar severi mill-impatt negattiv li ma setax jiġi prevenut***, jinġieb fit-tmiem*** jew mitigat b'mod adegwat. Jekk dak ikun il-każ, ***dment li l-impatti negattivi ma jammontawx għal ksur serju tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem,*** il-kumpanija ma għandhiex tkun meħtieġa tissospendi r-relazzjoni kummerċjali u ***għandha tirreferi għall-awtorità superviżorja kompetenti sabiex tirċievi gwida dwar il-kors ta' azzjoni li għandha tittieħed***.

Emenda 13
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprevedu opzjoni biex tiġi sospiża ***r-relazzjoni*** kummerċjali f'kuntratti rregolati mil-liġijiet tagħhom f'konformità mal-ewwel subparagrafu, ħlief għal kuntratti fejn il-partijiet ikunu obbligati bil-liġi li jidħlu fihom.	L-Istati Membri għandhom jipprevedu opzjoni biex tiġi sospiża ***temporanjament, għal perjodu ta' żmien definit, ir-relazzjoni*** kummerċjali f'kuntratti rregolati mil-liġijiet tagħhom f'konformità mal-ewwel subparagrafu, ħlief għal kuntratti fejn il-partijiet ikunu obbligati bil-liġi li jidħlu fihom.

Emenda 14
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-kumpanija tiddeċiedi li tissospendi ***r-relazzjoni*** kummerċjali, għandha tieħu passi biex tipprevjeni, timmitiga jew ittemm l-impatti tas-sospensjoni, għandha tipprovdi avviż raġonevoli lis-sieħeb kummerċjali kkonċernat u għandha żżomm dik id-deċiżjoni taħt rieżami.	Meta l-kumpanija tiddeċiedi li tissospendi ***temporanjament ir-relazzjoni*** kummerċjali, għandha tieħu passi biex tipprevjeni, timmitiga jew ittemm l-impatti tas-sospensjoni, għandha tipprovdi avviż raġonevoli lis-sieħeb kummerċjali kkonċernat u għandha żżomm dik id-deċiżjoni taħt rieżami ***biex terġa' tistabbilixxi r-relazzjoni fl-ewwel opportunità possibbli. F'każ ta' sospensjoni, hija għandha tipprovdi data tat-tmiem ċara, li tkun raġonevoli u li ma tipperikolax il-vijabbiltà tas-sieħeb kummerċjali.***

Emenda 15
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 11 – paragrafu 7 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-kumpanija tiddeċiedi li ma tissospendix ir-relazzjoni kummerċjali skont dan l-Artikolu, għandha timmonitorja l-impatt negattiv ***potenzjali*** u perjodikament tivvaluta d-deċiżjoni tagħha u jekk humiex disponibbli aktar miżuri xierqa.;	Meta l-kumpanija tiddeċiedi li ma tissospendix ir-relazzjoni kummerċjali skont dan l-Artikolu, għandha timmonitorja l-impatt negattiv ***reali*** u perjodikament tivvaluta d-deċiżjoni tagħha u jekk humiex disponibbli aktar miżuri xierqa.;

Emenda 16
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punti c u d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***il-punti*** (***c***) ***u (e) jitħassru;***	(b) ***Il-punt (ċ) huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"(c) meta tittieħed deċiżjoni biex tiġi sospiża relazzjoni kummerċjali skont l-Artikolu 10(6) u l-Artikolu 11(7);" ;

Emenda 17
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva (UE) 2024/1760
Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tali valutazzjonijiet għandhom ikunu bbażati, meta jkun xieraq, fuq indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi u għandhom jitwettqu mingħajr dewmien żejjed wara li sseħħ bidla sinifikanti, ***iżda mill-inqas kull 5 snin*** u kull meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-miżuri ma għadhomx adegwati jew effettivi jew li jistgħu jinħolqu riskji ġodda tal-okkorrenza ta' dawk l-impatti negattivi.;	Tali valutazzjonijiet għandhom ikunu bbażati, meta jkun xieraq, fuq indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi u għandhom jitwettqu mingħajr dewmien żejjed wara li sseħħ bidla sinifikanti, ***f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti,*** u kull meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-miżuri ma għadhomx adegwati jew effettivi jew li jistgħu jinħolqu riskji ġodda tal-okkorrenza ta' dawk l-impatti negattivi***. Meta jkun xieraq, il-politika tad-diliġenza dovuta, l-impatti negattivi identifikati u l-miżuri xierqa derivati għandhom jiġu aġġornati f'konformità mal-eżitu ta' tali valutazzjonijiet u fuq bażi volontarja b'kunsiderazzjoni xierqa tal-informazzjoni rilevanti mill-partijiet ikkonċernati***.;

ANNESS: DIKJARAZZJONI TA' KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li fil-kontribut tal-opinjoni tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-opinjoni, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza li ġejjin[1], jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza
IBEC
Christian Aid Ireland
World Benchmarking Alliance
BusinessEurope
Fairtrade Advocacy
Banking & Payments Federation Ireland
European Coalition for Corporate Justice
Clean Clothes Campaign
European Central Bank
Office of the United Nations High Commissioner for Human Rights
Tony's Chocolonely
Nestlé
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Emenda tad-Direttivi 2006/43/KE, 2013/34/UE, (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta korporattivi dwar is-sostenibbiltà
Referenzi	COM(2025)0081 – C10-0037/2025 – 2025/0045(COD)
Kumitat(i) responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 31.3.2025
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 31.3.2025
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Barry Andrews 10.4.2025
Eżami fil-kumitat	26.6.2025
Data tal-adozzjoni	15.7.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 60 –: 10 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mika Aaltola, Lucia Annunziata, Petras Auštrevičius, Jordan Bardella, Wouter Beke, Robert Biedroń, Adam Bielan, Marc Botenga, Danilo Della Valle, Elio Di Rupo, Loucas Fourlas, Michael Gahler, Kinga Gál, Alberico Gambino, Giorgos Georgiou, Rasa Juknevičienė, Łukasz Kohut, Ondřej Kolář, Rihards Kols, Andrey Kovatchev, Nathalie Loiseau, Reinhold Lopatka, Antonio López-Istúriz White, Jaak Madison, David McAllister, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Arkadiusz Mularczyk, Hannah Neumann, Leoluca Orlando, Urmas Paet, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Mounir Satouri, Andreas Schieder, Alexander Sell, Villy Søvndal, Sebastiaan Stöteler, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Michał Szczerba, António Tânger Corrêa, Marta Temido, Cristian Terheş, Riho Terras, Pierre-Romain Thionnet, Sebastian Tynkkynen, Roberto Vannacci
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Krzysztof Brejza, Jaroslav Bžoch, Sandra Gómez López, Mircea-Gheorghe Hava, Merja Kyllönen, Yannis Maniatis, Matjaž Nemec, Ana Miguel Pedro, Chloé Ridel, Marjan Šarec, Şerban Dimitrie Sturdza, Ingeborg Ter Laak, Matej Tonin, Petar Volgin, Michael von der Schulenburg, Thomas Waitz, Milan Zver
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Barry Andrews, Javier Moreno Sánchez, Eugen Tomac, Dimitris Tsiodras, Catarina Vieira

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

60	+
ECR	Adam Bielan, Alberico Gambino, Rihards Kols, Jaak Madison, Arkadiusz Mularczyk, Şerban Dimitrie Sturdza, Cristian Terheş, Sebastian Tynkkynen
PPE	Mika Aaltola, Wouter Beke, Krzysztof Brejza, Loucas Fourlas, Michael Gahler, Mircea-Gheorghe Hava, Rasa Juknevičienė, Łukasz Kohut, Ondřej Kolář, Andrey Kovatchev, Reinhold Lopatka, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Francisco José Millán Mon, Ana Miguel Pedro, Michał Szczerba, Ingeborg Ter Laak, Riho Terras, Matej Tonin, Dimitris Tsiodras, Milan Zver
Renew	Barry Andrews, Petras Auštrevičius, Nathalie Loiseau, Urmas Paet, Marjan Šarec, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Eugen Tomac
S&D	Lucia Annunziata, Robert Biedroń, Elio Di Rupo, Sandra Gómez López, Yannis Maniatis, Sven Mikser, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemec, Tonino Picula, Thijs Reuten, Chloé Ridel, Nacho Sánchez Amor, Andreas Schieder, Marta Temido
The Left	Marc Botenga, Danilo Della Valle, Giorgos Georgiou, Merja Kyllönen
Verts/ALE	Hannah Neumann, Leoluca Orlando, Mounir Satouri, Villy Søvndal, Catarina Vieira, Thomas Waitz

10	-
ESN	Alexander Sell, Petar Volgin
NI	Kostas Papadakis, Michael von der Schulenburg
PfE	Jordan Bardella, Kinga Gál, Sebastiaan Stöteler, António Tânger Corrêa, Pierre-Romain Thionnet, Roberto Vannacci

1	0
PfE	Jaroslav Bžoch

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni